II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1308

tas-26 ta' Lulju 2022

li jimplimenta Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2016 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 2016/44.

(2) F'konformità mal-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2016/44, il-Kunsill irreveda l-listi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness III għal dak ir-Regolament.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-entrata għal persuna waħda, li mietet, jenħtieġ li titħassar u jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi l-oħra kollha fil-listi li jinsabu fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni għal żewġ persuni jenħtieġ li jiġu aġġornati.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SÍKELA

ANNESS

Fl-Anness III (Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)) għar-Regolament (UE) 2016/44, il-Parti A (Persuni) hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata 20 (dwar AL-WERFALLI, Mahmoud Mustafa Busayf) titħassar;

(b) l-entrata 15 (dwar AL QADHAFI, Quren Salih) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"15.	AL QADHAFI, Quren Salih Quren magħruf ukoll bħala Akrin Akrin Saleh, Al Qadhafi Qurayn Salih Qurayn, Al Qadhafi Qu'ren Salih Qu'ren, Salah Egreen	Sess: raġel	Ex ambaxxatur Libjan għaċ-Chad. Telaq miċ-Chad lejn Sabha. Involut direttament fir-reklutaġġ u l-koordinazzjoni ta' merċenarji għar-reġim tad-deċedut Muammar Qadhafi. Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta' Muammar Qadhafi. Membru tal-Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Libja (PFLL), partit tal-milizzja u politiku leali lejn id-deċedut Muammar Qadhafi. Involut fid-dgħajfien tat-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Libja billi oppona lin-NU u dgħajjef il-proċess politiku ffaċilitat min-NU, inkluż il-Forum ta' Djalogu Politiku Libjan (LPDF), u b'hekk ħoloq riskju kontinwu għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Libja.	12.4.2011"

(c) l-entrata 22 (dwar PRIGOZHIN, Yevgeniy Viktorovich) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"22.	Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN (Евгений Викторович Пригожин	Data tat-twelid: 1 ta' Ġunju 1961 Post tat-twelid: Leningrad, eks USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yevgeniy Viktorovich Prigozhin huwa negozjant Russu b'rabtiet mill-qrib, inkluż finanzjarji, mal-Wagner Group, entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja. B'dan il-mod, Prigozhin hu involut fl-attivitajiet u jipprovdi appoġġ lill-attivitajiet tal-Grupp Wagner fil-Libja li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiż. B'mod partikolari, il-Grupp Wagner hu involut fi ksur multiplu u ripetut tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbilit fl-UNSCR 1970 (2011) u traspost fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, inkluż it-twassil ta' armi u l-iskjerament ta' merċenarji fil-Libja b'appoġġ għall-Armata Nazzjonali Libjana. Il-Grupp Wagner ipparteċipa f'operazzjonijiet militari multipli kontra l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali approvat min-NU u kkontribwixxa biex jikkawża danni lill-istabbiltà tal-Libja u jimmina l-proċess ta' paċi.	15.10.2020"